# QORTI CIVILI PRIM' AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tat-23 ta' Marzu 2001**

**Citazzjoni numru 1552/92 GC**

**Dr. Simon Micallef Stafrace LL.D. bhala rapprezentant tas-socjeta Formosa & Camilleri Limited u dina bhala agenti Malta tas-socjeta assikurattrici estera Guardian Royal Exchange plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Multitrade Limited**

**vs**

**Godwin Abela u Alfred E. Aquilina bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta The Cargo Handling Company Limited**
**u**
**Neville Mifsud u Adrian Mifsud bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta S. Mifsud & Sons Limited aagenti Malta tas-Socjeta Estera Ignazio Messina & Co. S.P.A. time charterers tal-Bastiment Mercandian Senator**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet :-

Illi is-socjeta Multitrade Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur M/V Mercandian Senator 14 colli ta' "profili di alluminio" liema servizz gie organizzat mis-socjeta S. Mifsud & Sons Limited;

Illi wara li waslet din il-merkanzija Malta fit-18 ta  Novembru, l99l, inhattet minn fuq il-bastiment imsemmi' f' idejn is-socjeta  The Cargo Handling Company Limited, din giet ikkonsenjata lill-importatur danneggjata u  b'nuqqasijiet (Dok. A);

Illi ai termini tal-polza tal-assikurazzoni esistenti bejn l-attur nomine u l-assgurat tieghu, l-attur nomine kellu jindennizza lill-assigurat tieghu ghal dawn in-nuqqasijiet u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat, kif jirrizulta mill-anness 'subrogation form' Dok. B;

Illi l-attur nomine jikkwantifika in-nuqqasijiet riportati fil-merkanzija tal-assikurat tieghu fl-ammont ta elf u erba mija u erba liri maltin u hamsa u disghin centezmu (Lml404.95) inkluz f' din il-figura l-ammont ta  hamsa u sebghin liri (Lm75) imhallsa bhala survey fee;

Illi il-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni u n-nuqqasijiet;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li il-konvenuti nomine jghidu ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

1.  tiddikjara lill-konvenuti nomine, jew min minnhom, responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine;

2. tillikwida id-danni sofferti mill-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur fis-somma ta' (Lm1404.00,0);

3. tikkundanna  lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm1404 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti nomine jew min minnhom u dana kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjes u bl-interessi legali mill-31 ta'  Jannar, l992 data tal-pagament relattiv lill-assigurat tal-attur nomine, kontra il-konvenut nomine, li gew ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xxhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta S. Mifsud & Sons Limited fejn gie eccepit :-

1. illi in kwantu id-domandi attrici huma diretti kontra is-socjeta eccippjenti dawn ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante li huma ma humiex il-legittimi kontradditturi tal-atturi nomine u konsegwentement ma humiex responsabbli ghall-allegati hsarat sofferti mill-assigurat taghhom li ghalihom huwa allegat li l-atturi ghamlu tajjeb;

2. subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess illi anke kieku l-esponenti gew imharrka fil-kwalita taghhomm ta' agenti f'Malta tas-socjeta estera armatrici tal-vapur huma wkoll ma hummiex responsabbli ghall-allegati danni billi skond ma jirrizulta mit-tally sheets il-merkanzija tnizzlet minn abbord f'kondizzjoni tajba u bla ebda rimarki ta' xejn. L-obbligu tal-esponenti kien li igorr il-merkanzija mill-port tal-karikazzjoni sal-port tal-iskarikazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta S. Mifsud & Sons Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn gie eccepit :-

1. illi preliminarjament it-talbiet fil-konfront tal-konvenuti nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija in kwistjoni giet sbarkata minn fuq il-vapur bil-hsarat kif jirizulta mill-Joint Tally Sheet nru. 48577 hawn annessa;

2. illi fit-tieni lok ghandha tingieb prova tal-allegata surroga;

3. illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandha ssir prova kif, meta u minn mmin sar l-allegat hlas ta' l-allegati danni;

4. illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-allegati danni huma ghal-kollox esagerati;

5. illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess l-konvenuti nomine jissollevaw li ma kienux fi kwalunkwe kaz risponsabbli ghall-kwalunkwe hsarat u danni allegati,u dana ai termini tar-Regolament Nru. 86 dwar il-Portijiet hawn anness;

6. illi fis-sitt lok u bla preguidzzju ghall-premess is-Survey Fees allegati, apparti li huma esagarati ma jistghux jigu riklamati stante li m’humiex danni ta' l-assigurat;

7. illi fl-ahharnett u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi jiddekorru mid-data tac-citazzjoni, stante li si tratta dwar kawza ta' danni (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummercjali deciza fis-sitta ta' April, l992 - Citaz. Nru.112/86 Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs. Chev. Silvio Mifsud, Godwin Abela u John Cavallo);

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta konvenuta S. Mifsud & Sons Limited fejn gie eccepit :-

1. illi in kwantu id-domandi attrici huma diretti kontra is-socjeta’ eccipjenti dawn ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li huma ma humiex responsabbli ghall-allegati danni billi l-vapur iltaqa' ma' maltemp qawwi fir-tragittata lejn Malta - vide f'dan ir-rigward kopja tac-certifikat mahrug mid-Dipartiment tal-Avvjazzjoni Civili Luqa hawn anness - u ghalhekk il-vapur ma tistax tinzamm responsabbli ghad-danni allegament subiti mill-assigurat tal-attur nomine;

Rat in-nota tal-eccezzjonijet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn gie eccepit :-

1. illi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghhom gia sollevati, u in partikolari l-ewwel eccezzjoni, jirrizulta li l-eccipjenti nomine ghandhom jigu illiberati mill-osservanza tal-gudizzju, stante li kemm mix-xhieda ta’ Noel Ellul, (6/10/95) u min-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited, il-hsarat allegati saru fuq il-vapur qabel ma l-istess merkanzija giet ikkonsenjata lis-socjeta eccipjenti, u ghalhekk certament li l-istess socjeta’ eccipjenti ma hijiex responsabbli ghad-danni u l-hsara de quo;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 1998;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li s-socjeta Multitrade Limited importat mal-vapur M/V Mercandian Senator erbatax (14) il-"bundle" ta' "aluminium profiles". L-imsemmija socjeta importatrici rreklamat mas-socjeta attrici, li kienet is-socjeta assikuratrici, li din il-merkanzija giet konsenjata lilha danneggjata. Is-socjeta attrici kkompensat lis-socjeta importatrici ghal dawn il-hsarat u hallset is-somma ta' elf, tlett mija u u disa u ghoxrin liri maltin (Lm1329), oltre li s-socjeta attrici qed tirreklama ukoll bhala danni s-somma ta' hamsa u sebghin liri maltin (Lm75) ghad-drittijiet sabiex saret is-"survey". B'hekk is-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta importatrici. Is-socjeta attrici tippretendi li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ghandhom jigu ritenuti responsabbli ghall-imsemmija hsarat u ghad-danni konsekwenzjali u ghalhekk qed issir din il-kawza;

Is-socjeta konvenuta S. Mifsud & Sons limited in rappresentanza tal-vapur, fl-ewwel lok, eccepit illi l-vapur mhux responsabbli ghall-allegati danni stante li jirrizulta li l-merkanzija tnizzlet minn abbord f'kondizzjoni tajba u bla ebda rimarki ta' xejn. Sussegwentement l-istess socjeta konvenuta eccepit ulterjorment illi l-vapur mhux responsabbli ghall-allegati danni billi kien hemm maltemp qawwi fir-tragitt lejn Malta. Jigi rimarkat, ghal kull buon fini, li din l-eccezzjoni ulterjuri hi, in effett, kontradittorja ghal dak li gie eccepit fl-ewwel lok mill-istess socjeta konvenuta;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited qed teccepixxi, fost affarijiet ohra, li l-merkanzija in kwistjoni giet sbarkata minn fuq il-vapur bil-hsarat u illi, fi kwalunkwe kaz, hi mhux responsabbli ghall-hsarat u danni allegati, u dana skond ir-Regolament numru 86 dwar il-Portijiet;

Mill-provi jirrizulta illi in effett il-merkanzija in kwestjoni giet skarikata minn fuq il-vapur bil-hsarat u bid-danni in kwestjoni. Jirrizulta li din il-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur f'zewg "open trailers". Jirrizulta inoltre, mit-tally li saret meta l-istess merkanzija tnizzlet minn abbord, illi fit-tragitt l-kontenut tal-imsemmija trailers iccaqlaq lejn naha wahda u l-istess kontenut, cioe l-merkanzija in kwestjoni, sofriet danni u hsarat kbar. (Vide dokument fol.18);

Dana jirrizulta ukoll mid-deposizzjoni tax-xhud Joe Buhagiar li gie prodott mill-konvenuti Mifsud u li hu Cargo Surveyor. Dan ix-xhud ikkonferma illi l-Kaptan tal-vapur in kwestjoni kien talbu jghamel survey ghar-rigward tal-merkanzija in kwestjoni stante li skond il-kaptan il-merkanzija kienet iccaqalqet minhabba il-maltemp. Dan ix-xhud ikkonferma li meta mar abbord seta jara li t-trailers kienu marbutin u kienu dritti, pero' l-kontenut taghhom kien ixxiftja jew iccaqlaq lejn naha wahda u b'hekk saru dawn il-hsarat. Ix-xhud esibixxa kopja tar-rapport li ghamel b'xi ritratti kif ukoll b'kopja ta' "sea protest" li saret mill-kaptan;

Mic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz u mill-provi prodotti jirrizulta sufficjentement illi l-hsarat in kwestjoni kienu dovuti ghal maltemp u bahar qawwi li ltaqa maghhom il-vapur fi trieqtu lejn Malta. Ghalhekk il-vapur ma jistax jigi ritenut responsabbli ghall-istess hsarat. Ma jirrizulta xejn li jista jitfa htija fuq il-vapur f'dan ir-rigward;

In vista ta' dan kollu s-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited ma tistax tigi ritenuta responsabbli ghal hsarat in kwestjoni, stante li jirrizulta li dawn l-istess hsarat ma avverawx ruhhom meta l-merkanzija kienet fil-pussess tal-istess socjeta konvenuta. Ghar-ragunijiet gia mghotija lanqas ma jista jinstab responsabbli l-vapur ghal dawn l-istess hsarat. L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta Cargo Handling u l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta konvenuta l-ohra S. Mifsud ghandhom jigu akkolti u b'hekk it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-konvenuti kollha;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel tilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited u tilqa ukoll l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta konvenuta l-ohra S. Mifsud & Sons Limited u konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha kontra s-socjeta attrici.